

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2014 – Laboratoire Nuxe vs UASI – NYX, Los Angeles (NYX)**(Kawża T-537/14)**

(2014/C 329/30)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti: Laboratoire Nuxe (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: M. Antoine-Lalance, avukat)**Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: NYX, Los Angeles Inc. (California, l-Istati Uniti)***Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tat-8 ta' April 2014, fil-Każ R 1575/2013-5;
- tikkundanna lill-Uffiċċju għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali*Applikanti għat-trade mark Komunitarja: NYX, Los Angeles Inc.**Trade mark Komunitarja kkonċernata: reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "NYX", għal prodotti fil-klassi 3 – reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea Nru 11 052 316**Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti**Trade mark jew sinjal invokat: trade mark verbali "NUXE", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3 u 44**Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u oppożizzjoni miċħuda**Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009***Rikors ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2014 – Peri vs UASI (Multiprop)****(Kawża T-538/14)**

(2014/C 329/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti: Peri GmbH (Weißenhorn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Eck u A. Bognár, avukati)**Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)***Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) mogħtija fid-29 ta' April 2014 fil-Każ R 1661/2013-1 u
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.